

# S4.1 PERSONAĠĠI MALTIN

**S4.1.2**

Għaliex il-poplu Malti għadu jgħożż il-memorja ta' dawn il-personaġġi; x'nistgħu nagħmlu biex infakkruhom dejjem iktar u aħjar.

## A. Wieġeb bil-għajnuna tal-istampi.



*monument lil*

*Dun Mikiel Xerri u sħabu*

*Fil-Belt Valletta*



*monument lil*

*Dun Karm Psaila*

*Fil-Furjana*

1. Semmi raġuni waħda għaliex taħseb li l-Maltin ħassew il-bżonn li jagħmlu monument lil Dun Mikiel Xerri u sħabu fil-Belt Valletta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. X'jgħallimna Dun Mikiel Xerri bl-eżempju li tana?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. Għaliex taħseb li Dun Karm Psaila kien jistħoqqlu li jibqa' jissemma u mfakkar permezz ta' monument?

4. Semmi effett li Dun Karm Psaila ħalla fuq in-nies li ġew fi żmienu u warajh.

5. Kull sena, nhar it-18 t'Ottubru, infakkru Jum Dun Karm. Fost diversi ċelebrazzjonijiet oħra ssir ċerimonja u diskors fuq il-monument tiegħu fi Triq Sant' Anna l-Furjana. Jieħdu sehem ħafna tfal tal-iskola.

Agħtu raġuni waħda għaliex din it-tifkira għandha tibqa' ssir.

6. Il-knisja kull sena tiċċelebra l-festa ta' San Ġorġ Preca nhar id-9 ta' Mejju.

Għaliex huwa tajjeb illi kull sena nibqgħu nfakkru lil San Ġorġ Preca?



*Id-Dar Ċentrali tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda*

7. Dun Ġorġ illum jinsab midfun f'parti apposta mid-Dar Ċentrali tal-MUSEUM li hemm fil-Blata l-Bajda. Bosta nies iħobbu jżuru dan il-qabar.

   Semmi żewġ affarijiet ta' ġid li għamel Dun Ġorġ meta kien għadu ħaj:

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

## B. Ikteb ittra fiċ-ċrieki t-tajba

a) Liema hu l-monument li jfakkar lil Dun Mikiel Xerri? Ikteb l-ittra X fiċ-ċirku.

b) Liema hu l-monument li jfakkar lil Dun Karm? Ikteb l-ittra K fiċ-ċirku.



